LINJI GWIDA

LINJA GWIDA (UE) 2020/1514 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-8 ta' Ottubru 2020

li temenda l-Linja Gwida BĊE/2008/5 dwar l-immaniġġjar tal-assi barranin ta' riżerva tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali u d-dokumentazzjoni legali għall-operazzjonijiet li jinvolvu dawn l-assi (BĊE/2020/49)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 12.1 sa 30.6 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 30.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ"), il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġi pprovdut bl-assi barranin ta' riżerva mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem il-"BĊNi taż-żona tal-euro") u għandu d-dritt sħiħ li jżomm u jimmaniġġja r-riżervi barranin li jiġu ttrasferiti lilu.

(2) Skont l-Artikoli 9.2 u 12.1 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-BĊE jista' jimmaniġġja wħud mill-attivitajiet tiegħu permezz tal-BĊNi taż-żona tal-euro u jirrikorri għand il-BĊNi taż-żona tal-euro sabiex iwettaq uħud mill-operazzjonijiet tiegħu. Bl-istess mod, il-BĊE iqis li l-BĊNi taż-żona tal-euro għandhom jimmaniġġjaw ir-riżervi barranin ittrasferiti lilu bħala l-aġenti tiegħu.

(3) L-involviment tal-BĊNi taż-żona tal-euro fil-ġestjoni tal-assi ta' riżervi barranin ttrasferiti lill-BĊE u t-tranżazzjonijiet relatati ma' dik il-ġestjoni jeħtieġ dokumentazzjoni speċifika għal operazzjonijiet li jinvolvu r-riżervi barranin tal-BĊE.

(4) Bosta ftehimiet standard li huma relevanti għall-ġestjoni ta' riżervi barranin użati mill-BĊE ġew aġġornati u verżjonijiet jew edizzjonijiet ġodda tagħhom huma disponibbli, bħall-International Swaps and Derivatives Association Master Agreement (ISDA, verżjoni tal-2002) u l-ICMA/SIFMA Global Master Repurchase Agreement (GMRA, verżjoni tal-2011). Għalhekk, għandu jiġi ddikjarat b'mod espliċitu li jistgħu jintużaw edizzjonijiet jew verżjonijiet sussegwenti ta' ftehimiet standard, bl-approvazzjoni tal-BĊE.

(5) Hija prattika standard li dokumentazzjoni legali relatata ma' operazzjonijiet li jinvolvu assi ta' riżervi barranin jiġu abbozzati bl-Ingliż u l-Ingliż għandu jsir il-lingwa standard għal ftehimiet prinċipali ta' netting għall-kontropartijiet kollha, għall-ftehimiet ġodda ta' netting kollha ffirmati wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja Gwida. Ftehimiet mhux abbozzati bl-Ingliż f'dik id-data ser ikomplu jkunu validi u jistgħu jiġu ssostitwiti f'ħin xieraq wara.

(6) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2008/5 ([1]) għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

([1]) Linja Gwida BĊE/2008/5 tal-20 ta' Ġunju 2008 dwar l-immaniġġjar tal-assi barranin ta' riżerva [assi barranin ta' riżerva] tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali u d-dokumentazzjoni legali għall-operazzjonijiet li jinvolvu dawn l-assi (ĠU L 192, 19.7.2008, p. 63).

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

Artikolu 1

Emendi

Il-Linja Gwida BĊE/2008/5 hija emendata kif ġej:

1. l-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. L-operazzjonijiet ta' riakkwist u ta' riakkwist bil-maqlub, ta' xiri/bejgħ lura u bejgħ/xiri lura li jinvolvu l-assi ta' riżervi barranin tal-BĊE għandhom jiġu ddokumentati bl-użu tal-ftehimiet standard li ġejjin fl-edizzjoni jew verżjoni indikata, jew kwalunkwe edizzjoni jew verżjoni sussegwenti approvata mill-BĊE:

(a) L-FBE Master Agreement for Financial Transactions (Edizzjoni tal-2004) għandu jintuża għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet organizzati jew inkorporati skont il-liġijiet ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni Ewropea u taħt il-liġijiet tal-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja;

(b) il-Bond Market Association Master Repurchase Agreement (verżjoni ta' Settembru 1996) għandu jintuża għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet organizzati jew inkorporati skont il-liġijiet federali jew statali tal-Istati Uniti; u

(c) it-TBMA/ISMA Global Master Repurchase Agreement (verżjoni tal-2000) għandu jintuża għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet organizzati jew inkorporati skont il-liġijiet ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni minbarra dawk elenkati fil-punti (a) jew (b).";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Operazzjonijiet ta' derivattivi barra mill-borża li jinvolvu l-assi ta' riżervi barranin tal-BĊE għandhom jiġu ddokumentati bl-użu tal-ftehimiet standard li ġejjin fl-edizzjoni jew verżjoni indikata, jew kwalunkwe edizzjoni jew verżjoni sussegwenti approvata mill-BĊE:

(a) l-FBE Master Agreement for Financial Transactions (Edizzjoni tal-2004) għandu jintuża għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet organizzati jew inkorporati skont il-liġijiet ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni Ewropea;

(b) l-International Swaps and Derivatives Association Master Agreement tal-1992 (verżjoni b'diversi valuti, transkonfinali, skont il-liġi ta' New York) għandu jintuża għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet organizzati jew inkorporati skont il-liġijiet federali jew statali tal-Istati Uniti; u

(c) l-International Swaps and Derivatives Association Master Agreement tal-1992 (verżjoni b'diversi valuti, transkonfinali, skont il-liġi Ingliża) għandu jintuża għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet organizzati jew inkorporati skont il-liġijiet ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni minbarra dawk elenkati fil-punti (a) jew (b).";

(c) il-paragrafu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"5. Id-depożiti li jinvolvu assi ta' riżervi barranin ma' kontropartijiet li: (i) huma eliġibbli għall-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u/jew 3 hawn fuq, u (ii) huma organizzati jew inkorporati taħt il-liġijiet ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni Ewropea, ħlief għall-Irlanda, għandhom jiġu ddokumentati bl-użu tal-FBE Master Agreement for Financial Transactions (Edizzjoni tal-2004 jew kwalunkwe edizzjoni sussegwenti tiegħu). F'każijiet li ma jaqgħux taħt il-punti (i) u (ii) hawn fuq, depożiti li jinvolvu l-assi ta' riżervi barranin tal-BĊE għandhom jiġu ddokumentati bl-użu tal-ftehim prinċipali ta' netting kif speċifikat fil-paragrafu 7.";

(d) il-paragrafu 7 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"7. Għandu jiġi konkluż ftehim prinċipali ta' netting mal-kontropartijiet kollha, ħlief għal kontropartijiet: (i) il magħhom il-BĊE jkun iffirma FBE Master Agreement for Financial Transactions (Edizzjoni tal-2004 jew kwalunkwe edizzjoni sussegwenti tiegħu); u (ii) li huma organizzati jew inkorporati taħt il-liġijiet ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni Ewropea, ħlief għall-Irlanda, skont kif ġej:

(a) ftehim prinċipali ta' netting irregolat bil-liġi Ingliża u abbozzat bl-Ingliż għandu jiġi konkluż mal-kontropartijiet kollha, bl-eċċezzjoni tal-kontropartijiet speċifikati fil-punti (b), (c) u (d);

(b) ftehim prinċipali ta' netting irregolat bil-liġi Franċiża u abbozzat bl-Ingliż għandu jiġi konkluż ma' kontropartijiet inkorporati fi Franza; madankollu, dawn il-ftehimiet diġà fis-seħħ li huma abbozzati bil-Franċiż għandhom ikomplu jkunu validi u jistgħu jiġu ssostitwiti bi ftehim abbozzat bl-Ingliż f'data xierqa aktar tard;

(c) ftehim prinċipali ta' netting irregolat bil-liġi Ġermaniża u abbozzat bil-Ġermaniż għandu jiġi konkluż ma' kontropartijiet inkorporati fil-Ġermanja; madankollu, dawn il-ftehimiet diġà fis-seħħ li huma abbozzati bil-Ġermaniż għandhom ikomplu jkunu validi u jistgħu jiġu ssostitwiti bi ftehim abbozzat bl-Ingliż f'data xierqa aktar tard; u

(d) ftehim prinċipali ta' netting irregolat bil-liġi ta' New York u abbozzat bl-Ingliż għandu jiġi konkluż mal-kontropartijiet inkorporati fl-Istati Uniti.";

2. L-Annessi IIa, IIb, IIc u IId huma mħassra.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja Gwida tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-BĊNi taż-żona tal-euro.

Artikolu 3

Destinatarji

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-BĊNi taż-żona tal-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-8 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE
Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE